P. ĠUŻEPP VELLA O.F.M.

# IS-SUR ĠORĠ GAUCI (1880–1953)

Is-sena 1998 twassalna biex niċċelebraw il-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Filarmonika SLIEMA. Hija ħaġa xierqa li wieħed jagħti xi tagħrif dwar il-Fundaturi tagħna, li bil-għaqal u d-determinazzjoni tagħhom, taw bidu għat-twaqqif tal-Każin u tal-Banda Ċittadina tagħna. L-akbar wieħed, fl-età, fosthom kien is-Sur Ġorġ Gauci. Għalhekk jixraq li nibdew din is-sensiela ta' erba' profili billi nagħtu xi tagħrif dwaru.

Ġorġ Gauci twieled Ħal Qormi fl-1880 minn Salvatore u Marianna Portelli. Ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Meta kellu 7 snin il-familja tiegħu ġew joqogħdu Tas-Sliema. Għall-ewwel missieru kellu ħanut tal-merċa fin-numru 14, Triq il-Karmnu. Ġorġ, minn ċkunitu, kien jgħin lil missieru fil-ħanut. Meta kiber mhux ħażin beda negozju għalih billi beda jbigħ il-ħwejjeġ fuq il-karettun. Ta' kuljum kont taraħ iterraq it-toroq ta' Tas-Sliema, il-Gżira u San Ġiljan biex jaqla' l-ħobża ta' kuljum. Huwa kien wieħed minn 5 subien u 3 ibniet. Fl-1901 Ġorġ iżżewweġ lil Vinċenza Grima u mar joqgħod fid-dar numru 94, fi Triq Santa Marija. Din id-dar kienet bieb ma' bieb mad-dar li fiha kien joqgħod ċertu Wistinu Gatt li kien ħajjat. Ma jistax jonqos li m'għamilx ħabib ma' Wistinu u ż-żgħażagħ l-oħra li kienu jiltaqgħu għandu. Quddiem id-dar tiegħu kien hemm kamra (li llum hija nru 28) vojta. Ġorġ kera din il-kamra u fetaħ ħanut tal-ħwejjeġ u drappijiet. Wara xi ftit tas-snin irnexxielu jikri ħanut fi Triq Prince of Wales. Hawn biddel in-negozju tiegħu u beda jbigħ il-fajjenza u affarijiet oħra tad-dar.[1]

### Ħidma b'risq is-Soċjetà

Meta fl-ewwel xhur tal-1923, is-Sur Wistin Gatt kien qiegħed jaħseb biex jitlaq minn Tas-Sliema u jmur ħdejn il-familjari tiegħu fir-Rabat,



Is-Sur Ġorġ Gauci

Ġorġ ġietu l-idea li d-dar ta' Wistin setgħet tinkera u jinfetaħ bħala każin. Hekk dawk il-persuni li kienu jiltaqgħu flimkien ikomplu jkollhom post biex jgħidu kelma mal-ħbieb u jgħaddu siegħa żmien. Għalhekk Ġorġ flimkien mas-sur Anton Grech, is-sur Gustino Vella u s-Sur Wiġi Micallef marru għand is-sid tad-dar u wrewh ix-xewqa tagħhom. Is-sid kien Carmelo Pullicino (kien imlaqqam "Tal-forn") li kien joqgħod Strada Tonnà. Dan mill-ewwel aċċetta t-talba tagħhom. Huwa kien akkanit għall-festa titulari.[2] Kien wieħed minn dawk iż-żgħażagħ li weħlu l-ħabs meta l-Vara tal-Madonna tas-Sacro Cuor ġiet maħruġa bla permess għal dimostrazzjoni. Hu kien instab ħati ta' l-akkuża u weħel erbat ijiem ħabs. Ismu jidher fir-reġistru ta' l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema kif ukoll f'dak ta' Kordin. Imma ma nafux kemm weħel.[3] Ibnu Ġużeppi jgħid li weħel tlett ijiem.[4]

Il-familja ta' Ġorġ Gauci bdiet tikber ġmielha. Xahar wara li fetaħ il-Każin bl-isem "Circolo Nostro Signora", beda jfittex dar akbar għall-familja tiegħu. Huwa sab jikri d-dar nru. 33 fi Triq San Trofimu, quddiem il-knisja tagħna. Fuq insistenza ta' sħabu tal-Kumitat u tas-soċji, huwa ċeda din id-dar kbira biex issir is-Sede ġdida tal-Każin. Ġorġ Gauci għamel dan b'sagrifiċċju personali għax kellu għal qalbu s-suċċess tas-Soċjetà u għall-imħabba kbira li kellu lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor. Ġorġ ressaq din il-proposta quddiem is-Seduta Ġenerali nhar l-14 ta' April 1923 u ġiet issekondata mill-President, in-Nutar Giovanni Gabaretta. Din il-proposta ġiet approvata unanimament. Huwa għamel tajjeb għal kirja ta' din id-dar, għax il-Kumitat tas-Soċjetà ma kienx f'qagħda li jidħol għall-ispejjeż tal-kera. Għal dawk iż-żmenijiet £40 kera fis-sena kient għolja ħafna. Għal din il-kirja Ġorġ kellu wkoll garanzija minn xi soċji.[5] Fis-Seduta Ġenerali li nżammet fil-5 ta' Awissu 1923 Ġorġ Gauci ġie magħżul membru fil-Kummissjoni li kellha tmexxi l-Każin. Huwa kien jirrappreżenta lis-Soċji.[6] Fis-seduta tal-Kumitat tat-3 ta' Ottubru ta' l-istess sena, huwa flimkien ma' oħrajn, intrabat li jħallas xi strument ġdid għall-banda, imbagħad jitħallas bil-mod mis-Soċjetà. F'Seduta oħra tal-Kumitat li saret fit-12 ta' Ottubru, flimkien ma' oħrajn, reġa' offra li joħroġ £3 ħalli jkunu jistgħu jinxtraw strumenti oħra għall-Banda.[7] Meta fl-1925 ġie deċiż li tinħadem l-uniformi għall-bandisti lil Ġorġ nerġgħu nsubuh memru tal-Kummissjoni biex tiġbor fondi għall-ispejjeż ta' din l-uniformi.[8]

### Iż-Żminijiet tal-gwerra

Wara li faqqgħet it-tieni gwerra dinjija, Ġorġ u l-familja tiegħu marru refuġjati f'Ħal-Lija għand ħabib kbir tiegħu s-sur Spiro Pirotta. Dan kien idoqq il-klarinett mal-banda tagħna. F'Ħal-Lija dam ftit xhur. Meta reġa'

lura Tas-Sliema malajr reġa' sab ruħ kaxxier meta l-każin kien qiegħed jitmexxa mill-President P. Angeliku Azzopardi O.F.M.[9] Fis-Seduta tal-Kumitat tas-26 ta' Ġunju 1943, bħala Kaxxier, Ġorġ ingħata l-inkarigu biex il-każin jibda jissewwa mill-ħsarat tal-gwerra.[10] Hawn ta' min jgħid li fl-1 ta' April 1942, meta l-knisja u l-kunvent ġarrbu ħsarat kbar, kienet waqgħet ukoll bomba żgħira fil-bitħa kbira tal-każin, preċiż taħt it-taraġ li mill-bitħa ż-żgħira tinżel għall-bitħa l-kbira. Il-bomba għalkemm ma splodietx għamlet ħofra kbira. Din il-ġrajja m'hix imniżżla fl-istorja tal-każin.[11] Meta fl-1943 kienet sejra tiġi ċċelebrata l-festa titulari wara l-waqfa minħabba l-gwerra, Ġorġ Gauci, bħala kaxxier, kien wieħed mill-membri tal-Kummissjoni li twaqqfet biex terġa' tiġi armata l-banda. Ħadem ukoll biex jinġabru l-flus għall-ispejjeż tal-festa. Bil-għajnuna ta' sħabu, huwa rnexxielu jwaqqaf mill-ġdid il-banda u reġgħet ħadet sehem fil-festa titulari ta' dik is-sena.[12] Mis-sena ta' wara, fl-1944, il-banda bdiet tagħmel ukoll servizzi barra mill-Parroċċa.[13]

Meta fl-1923 Ġorġ kien ċeda d-dar ta' quddiem il-knisja biex issir is-sede tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema", huwa kellu jfittex dar oħra minħabba l-familja kbira li kellu. Ġorġ irnexxielu jikri d-dar, akbar milli kellu, numru 14 Triq Prince Albert (illum Ġużè Ellul Mercer). F'din id-dar huwa rabba familja ta' 7 ibniet u 4 subien. Matul il-ħidma tiegħu b'risq is-Soċjetà huwa okkupa l-karigi ta' kaxxier għal snin twal u anke Direttur tal-każin.[14] Ġorġ Gauci miet id-dar wara marda qasira nhar l-10 ta' Jannar 1953 fl-1.30 a.m. Huwa kellu 73 sena.[15] L-għada saritlu quddiesa *presente cadavere* fil-knisja parrokkjali. Ma setgħetx tonqos il-preżenza tal-Kumitat flimkien ma' l-istendard tas-Soċjetà u kuruna tal-fjuri.[16] Dakinhar il-bandiera tal-każin ittellgħet mezz'asta.

Bil-mewt tas-sur Ġorġ Gauci s-Soċjetà Filarmonika "Sliema" tilfet it-tieni wieħed mill-Fundaturi tagħha. Fl-1945 kien miet is-sur Wiġi Micallef (il-Bormliż). Isem Ġorġ jibqa' mnaqqax fl-istorja tal-każin tagħna. Ir-ritratt tiegħu jibqa' jiddomina fis-sala li hija ddedikata għall-erba' Fundaturi.

### Referenzi


1. Tagħrif lill-awtur minn ibnu Ġużeppi Gauci fl-1993.
2. Leħen il-Banda Ċittadina Sliema, 1992, Nru. 17, p. 69.
3. Id., Ibid., 1991, Nru. 16, pp. 55, 56. Ara wkoll P. Ġużepp Vella: Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor – Tagħrif Storiku, 1993, pp. 65, 67.
4. Tagħrif minn ibnu Ġużeppi.
5. Soċjetà Filarmonika Sliema: Winston Zammit B.A. (Hons.) M.A., 1993, p. 12.
6. Id., Ibid., p. 18.
7. Id., Ibid., p. 20.
8. Id., Ibid., p. 35.
9. Tagħrif minn Ibnu Ġużeppi.
10. Soċ. Fil. Sliema., Opus Cit., p 65.
11. Tagħrif mogħti lill-awtur mis-sur Frans Vella Brincat, 1989.
12. Soċ. Fil. Sliema, Opus Cit., p. 65.
13. Id., Ibid., p. 195.
14. Tagħrif minn ibnu Ġużeppi.
15. Arkiv.Parr.Libert Mortuorum, vol. II, p. 299, Nru. 903.
16. Tagħrif minn ibnu Ġużeppi.


# IS-SUR LUIGI MICALLEF (1884–1945)

Is-Sur Luigi Micallef twieled f'Bormla fl-1884. Ġie mgħammed jumejn wara fil-knisja parrokkjali. Missieru kien jismu Michele u ommu Catherina Grech. Huwa kien it-tieni wild minn ħames aħwa. Kien għadu tifel żgħir ħafna meta l-familja tiegħu ġiet toqgħod Tas-Sliema fl-inħawi tal-knisja tagħna. Missieru kien fil-"Merchant Navy".[1] Kien imur l-iskola tal-Gvern, li dak iż-żmien kienet minflok l-Għassa tal-Pulizija. It-tfal sħabu ta' l-iskola tawh il-laqam "Wiġi l-Bormliż". Huwa baqa' magħruf b'dan il-laqam sa mewtu. U hekk għadu jissemma sallum.[2] Wiġi għamel l-iskola elementari biss.

Ta' 12-il sena ħalla l-iskola u daħal *sea cadet* fin-Navy Ingliża. Għalhekk huwa għadda l-biċċa l-kbira minn ħajtu dejjem ibaħħar. Wiġi kien baqa' ġuvni. Għal ħafna snin, sakemm spiċċa mis-servizz, huwa kellu r-rank ta' *messman*.[3] Meta l-bastiment tiegħu kien jidħol Malta jew meta kien ikun bil-leave, l-ħena tiegħu kienet li jkun dejjem mal-Patrijiet biex jagħti l-għajnuna tiegħu fil-knisja. Wara li tagħlaq il-knisja kien jintefa' jgħaddi ż-żmien fil-każin. Meta għall-festa kien ikun Malta kont tarah jarma fil-knisja kif ukoll jarma fit-toroq. Meta, f'Ġunju ta' l-1910, il-vara tal-Madonna ġiet maħruġa mill-knisja f'jum il-Festa tagħha, bla ebda permess, għal dimostrazzjoni spontanja, Wiġi kien wieħed mill-perċimes. Huwa kien weħel tlett ijiem ħabs għax instab ħati li ħa sehem f'dimostrazzjoni illegali.[4]



Is-Sur Luiġi Micallef

**Il-ħidma fis-Soċjetà**

Sa minn qabel ma nfetaħ il-każin, Wiġi kien jgħaddi ftit tal-ħin fil-kumpanija ta' ħafna oħrajn għand il-ħajjat Wistinu Gatt. Meta nibtet l-idea li jitwaqqaf il-każin u l-banda, lil Wiġi nsibuh minn ta' quddiem, flimkien mat-tliet Fundaturi l-oħra, li jindaħal għal inkarigu biex tinkera d-dar li kienet se titbattal bit-tluq ta' Wistinu Gatt lejn ir-Rabat. Għalhekk insibuh membru fl-ewwel Kumitati.[5] Mill-minuti tas-seduta tal-kumitat li saret fit-12 ta' Ottubru 1923 insibu miktub li, flimkien ma' persuni oħra, offra li jagħti £3 biex jinxtraw xi strumenti ġodda għall-banda.[6] Mil-laqgħat tal-Kumitat li saret nhar l-4 ta' Settembru 1928, fil-minuti nsibu li Wiġi ġie magħżul f'kummissjoni li twaqqfet. Huwa kellu jieħu sehem f'delegazzjoni li kellha tiltaqa' mas-surmast Francesco Xuereb. Huma talbuh biex jiġi nominat surmast direttur tal-Banda.[7] Minħabba l-karriera tiegħu fin-Navy ma tantx insibu tagħrif dwar il-ħidma tiegħu fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Sliema. Nafu fiż-żgur li huwa baqa' soċju sal-ġurnata tal-mewt tiegħu.[8]

**L-imħabba lejn il-Parroċċa**

Wiġi kellu għal qalbu d-devozzjoni speċjali lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor. Meta fl-1913 inħadem il-pedistall ġdid lill-Madonna, Wiġi ħallas wieħed mill-ġilji tal-fidda fil-filugranu li hemm fuq l-erba' rkejjen tal-pedistall. Fuq wieħed minn dawn il-ġilji hemm isem Wiġi. L-istess għamel meta fl-1923 inħadmet ir-raġġiera tal-fidda. Fuq wieħed mir-raġġi jidher isem Wiġi Micallef.[9] Huwa kien membru tat-Terz Ordni Franġiskan.[10] Meta f'Novembru tal-1921, fil-knisja tagħna, ġew iċċelebrati l-festi ċentenarji mit-twaqqif tat-Terz Ordni, huwa rregala kalċi tal-fidda lill-knisja. Dan jirriżulta minn iskrizzjoni li hemm fuq il-kalċi li tgħid: Aloisius Micallef Fecit 1921.[11] Wiġi laħaq spiċċa minn Navy qabel ma bdiet l-aħħar gwerra. Għalhekk intefa' fil-knisja jagħmel ix-xogħol ta' sagristan. Wiġi li kien akkanit ħafna għall-festa titulari, kien ukoll partitarju u ammiratur tal-Banda La Valette. Bosta drabi, għall-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, kien jidħol responsabbli li jħallas minn butu l-ispejjeż biex tinġieb il-Banda "La Valette".[12] Fl-aħħar snin ta' ħajtu huwa kien joqgħod fid-dar nru 41 Triq Santa Marija. Wara li spiċċa minn Navy, billi huwa kien ġuvni, għal bil-lejl kien imur jorqod għandu Joe Mizzi (jew kif kien magħruf Ġoġò). Fl-aħħar jiem ta' Awissu ta' l-1945 Wiġi qabdu deni qawwi ħafna. Mill-ewwel ġie meħud l-isptar San Luqa. Huwa ġie iddikjarat li kellu d-deni tat-tifu. Kienet marda li tittieħed ħafna. Għalhekk ġie mqiegħed f'parti ta' l-isptar imsejħa Quarantina.[13] Dak iż-żmien P. Wiġ Pace O.F.M. kien sagristan maġġur. Għalhekk kien inkarigat mill-knisja, u kien jaf ħafna lil Wiġi. Kif sema' b'din l-aħbar P. Wiġ telaq jiġri lejn l-isptar biex jara lil Wiġi. Għall-ewwel ma ridux iħalluh jidħol ħdejh b'sogru personali. P. Wiġ amministralu l-aħħar sagramenti u għamillu l-vjatku. Wiġi miet nhar l-1 ta' Settembru 1945. P. Wiġ Pace għamel att kuraġġjuż ħafna fil-qadi ta' dmirijietu. Fil-fatt huwa ttieħed mid-deni. P. Wiġ dam tlett ijiem bid-deni qawwi fuqu. Kien miraklu tal-Madonna tas-Sacro Cuor li P. Wiġ ħelisha mill-mewt. Is-sur Wiġi Micallef kien l-ewwel wieħed mill-fundaturi li miet. Peress li huwa miet b'mard jittieħed ma setax jinġieb il-knisja u għalhekk malajr indifen fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.[14]

Hawn ta' min jgħid xi ħaġa dwar l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor li hemm fit-taraġ tal-każin. Kienet is-sena 1981 meta s-sinjura Angiolina Gauci staqsietni jekk irridx statwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, imdaqqsa madwar tliet piedi, u nkwatru antik. Jiena aċċettajt u mort għalihom id-dar tagħha. L-inkwatru tal-Madonna kellu l-iskrizzjoni li tfakkar il-50 sena mill-bidu tad-devozzjoni, fid-dinja, lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor – 1875–1925. Dwar l-istatwa kienet qaltli li kienet ta' Wiġi l-Bormliż. Ir-raġel tagħha kien xtraha minn għandu meta Wiġi darba kien nieqes mill-flus. Wiġi l-Bormliż kien magħruf għall-qalb tajba li kellu ma' kulħadd, speċjalment mal-fqar. Kien ukoll iħobb il-ħajja soċjali. Flusu ma kinux tiegħu imma ta' ħaddieħor.[15] Wara li miet Ġeorge Gauci (tal-marmett), martu Angiolina żammet l-istatwa u l-inkwatru għal snin twal sakemm offrietħom lili. Wara xi snin li kienet ilha għandi ħassejt li la darba l-istatwa tal-Madonna kienet ta' Wiġi l-Bormliż kien xieraq li ssib postha fil-każin tal-Banda li tant ħadem għalih. Hekk it-tifkira ta' Wiġi Micallef, bħala Fundatur, mhux biss tibqa' bir-ritratt tiegħu fis-sala ddedikata lill-Fundaturi, imma tibqa' wkoll bil-preżenza ta' l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor li kienet tant għażiża għalih.

**Referenzi**


1. Tagħrif mogħti lill-awtur mis-sur Joe (Ġoġò) Mizzi fl-1990.
2. Tagħrif mogħti lill-awtur mis-sur Ġużeppi Vella fl-1991.
3. Tagħrif minn Joe Mizzi, 1990.
4. Leħen il-Banda Ċittadina "Sliema", 1991, nru. 16, p. 56, jew P. Ġużepp Vella O.F.M. – Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor – tagħrif storiku 1993, p. 67.
5. Winston L. Zammit – Soċjetà Filarmonika Sliema 1993, pp. 9, 12.
6. Id, Ibid., p. 26.
7. Id, Ibid., p. 31.
8. Tagħrif mis-sur Ġużeppi Gauci fl-1993.
9. P. Ġużepp Vella, Opus Cit., p. 45.
10. Tagħrif mis-sur Joe Mizzi, 1990.
11. P. Ġużepp Vella, Opus Cit., p. 228.
12. Tagħrif minn Ġużeppi Gauci.
13. Tagħrif minn Joe Mizzi.
14. Tagħrif mogħti lill-awtur minn P. Wiġ Pace O.F.M. fl-1993.
15. Tagħrif minn Ġużppi Gauci.

# IS-SUR ĠUSTINO VELLA (1890–1960)

Skond is-sena tat-twelid imiss li naghtu xi ftit taghrif dwar is-sur Ġustino Vella. Huwa twieled f'Tas-Sliema, fl-1890, ghad-dell tal-Knisja Parrokkjali taghna u sewwa sew bieb ma' bieb mal-Kunvent. Id-dar li twieled fiha kienet iġġib in-numru 8 Strada Dietro la Chiesa (illum Church Str.). Din id-dar m'ghadhiex teżisti ghax flimkien ma' dar oħra, fl-1935, kienu nxtraw mill-Patrijiet biex minflokhom jinbena l-Oratorju tad-Duttrina. Dan inbena fl-1936 u llum nafuh bl-isem tas-"Sala Padova".

F'din id-dar li semmejna twieled Ġustino u ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris. Missieru kien jismu Vincenzo u ommu Giovanna Cini. Kienu familja kbira, ghalkemm tlieta biss baqghu ħajjin. Ħutu l-oħra mietu ta' età żgħira. Ġustino trabba f'din id-dar u baqa' jgħix fiha sakemm iżżewweġ. Meta kien tifel kien imur l-iskola primarja tal-Gvern, li kienet minflok l-Għassa tal-Pulizija. Wara li għadda l-klassijiet kollha tal-primarja, Ġustino beda jitħarreġ fis-sena tal-fotografija. Huwa mpjega ruħu għand il-"Grand Studio" tal-Belt. Huwa żżewweġ il-Ħamrun lil Ġużeppa Vella. Wara t-tieġ Ġustino kera dar fi triq San Trofimo li llum iġġib in-numru 87. Minn dan iż-żwieġ huwa kellu żewġ subien u tlett ibniet. Maż-żmien huwa fetaħ ħanut għal rasu, bħala fotografu fi Triq Prince of Wales.

Imrobbi sa minn ċkunitu fil-viċinanza tal-knisja taghna ma setax ma jkunx abbati u titrawwem fih id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor.[1] Meta fl-1910 il-vara tal-Madonna tas-Sacro Cuor ġiet maħruġa bla permess, għal dimostrazzjoni popolari, Ġustinu ħa sehem attiv ħafna. Flimkien ma' żgħażagħ oħra ġie mresaq il-Qorti u akkużat li kiser l-ordni pubblika. Ġustino flimkien ma' 38 persuna oħra nstab ħati u weħel jumejn priġunerija.[2] Is-sagrifiċċju tiegħu flimkien ma' l-oħrajn akkużati sewa biex is-sena ta' wara, l-awtorità ekklesjastika tat il-permess biex issir il-purċissjoni għall-ewwel darba bil-vara tal-Madonna tas-Sacro Cuor.[3]

**Ħidma b'risq is-Soċjetà**

Ġustinu Vella bħall-Fundaturi l-oħra, f'żgħożitu, kien wieħed minn dawk li kienu jiltaqgħu fid-dar-ħanut ta' Wistinu Gatt il-ħajjat. Kien wieħed minn ħafna li xtaqu li jinfetaħ il-każin tal-Banda. Għalhekk fil-Kumitat proviżorju li nħatar nhar il-11 ta' Marzu 1923 huwa ġie maħtur l-ewwel Direttur tal-Każin. Fis-Seduta Ġenerali li saret fil-25 ta'



Is-Sur Ġustino Vella

Marzu huwa ġie kkonfermat f'din il-kariga.[4] Għalhekk meta nfetaħ il-Każin fid-dar 93 triq Santa Marija, Ġustinu beda l-ħidma tiegħu favur is-Soċjetà tagħna. Fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Sliema huwa dejjem okkupa diversi karigi kemm fil-Kumitat u kemm f'kummissjonijiet li kienu jitwaqqfu b'għan speċjali. Meta, fl-1927, il-Kumitat iddeċieda li jibda jsir it-teatrin fil-bitħa l-kbira tal-każin, Ġustinu ġie maħtur fil-Kummissjoni li tkun responsabbli mir-rappreżentazzjonijiet li jsiru. Huwa ġie maħtur, flimkien ma' P. Bartolo, fil-laqgħa tal-Kumitat li saret nhar l-4 ta' Marzu 1927.[5] Mill-ewwel midd għonqu għax-xogħol. Bħala fotografu li kellu fih is-sens ta' arti huwa ħejja d-disinn tas-siparju. Dan ġie approvat fis-Seduta tal-Kumitat li nżammet fl-1 ta' April 1927.[6] Jidher li Ġustinu kien il-kaxxier tal-Kummissjoni Teatrin għax fix-xahar ta' Ġunju ta' l-istess sena ta l-ewwel ħlas lill-każin mid-dħul ta' l-ewwel reċti li saru.[7] Meta mbagħad faqqgħet l-aħħar gwerra t-teatrin u l-ħajja soċjali fil-każin kellhom jieqfu. Bħala li huwa kien responsabbli minn dawn ir-reċti, fis-seduta tal-Kumitat tas-17 ta' Otubru 1940, Ġustinu flimkien ma' Ġorġ Gauci u Emilio Lombardi ġie nkarigat biex jinbiegħ it-tagħmir kollu tal-palk.[8] Fil-bidu tas-sena 1941 huwa, bil-familja kollha, mar refuġjat f'Ħal Qormi. Hemm dam sena u nofs.[9]

Meta l-gwerra bdiet tbatti xi ftit reġa' ġie lura Tas-Sliema. Meta fl-1943 kienet sejra ssir il-festa titulari, Ġustinu ħa l-inizjattiva biex jerġa' jagħti l-ħajja lill-Każin u jgħaqqad il-Banda mill-ġdid.[10] Fis-sena 1944 insibuh jiġbor xi flus mingħand is-soċji u l-ammiraturi ħalli l-Banda tkun tista' ddoqq fil-festa ta' San Franġisk li ssir f'Ottubru.[11]

Is-sena 1948 kienet is-sena li fiha s-Soċjetà kienet sejra tagħlaq 25 sena mwaqqfa. Il-Kumitat flimkien mas-soċji xtaqu jfakkru dan l-anniversarju. Il-Kumitat għażel lil Ġustinu fil-Kummissjoni li ġiet imwaqqfa apposta. Il-festi saru u kienu suċċess. Fil-laqgħa tal-Kumitat li saret nhar id-29 ta' Ottubru 1948, għadda vot ta' ringrazzjament lill-membri kollha tal-Kummissjoni. Hajr speċjali lil tliet membri, fosthom Ġustinu Vella, li ħarġu xi flus minn buthom.[12] Fir-ritratt tal-Kumitat meħud fl-1952 naraw lil Ġustinu fih.[13] Huwa baqa' attiv ħafna fil-każin sa l-aħħar nifs ta' ħajtu.[14] Ġustinu miet fid-dar tiegħu nru. 24

Triq Santa Marija, wara marda qasira, nhar l-14 ta' Lulju 1960. Huwa kellu 70 sena.[15] L-għada sarlu l-funeral fil-knisja. Qaddes il-Kappillan P. Tonin Busuttil O.F.M., li kien ukoll id-Direttur spiritwali tas-Soċjetà. Għal din il-quddiesa attendew membri tal-Kumitat u diversi soċji flimkien ma' l-istendard u kuruna tal-fjuri. Huma mxew wara t-tebut mid-dar sal-knisja. Dakinhar il-bandiera fuq il-każin ġiet imtellgħa mezz'asta bħala turija ta' rispett lil wieħed mill-Fundaturi tagħha.[16]

Is-sur Ġustinu Vella kien fotografu mill-aqwa. Ħafna ritratti antiki li għandna, kemm dwar il-knisja tagħna u kemm dwar is-Soċjetà Filarmonika "Sliema" kollha jġibu l-firma tiegħu. F'dan il-qasam, huwa ta kontribut kbir għax bil-kapaċità tiegħu waslu għandna tant ritratti interessanti. Il-kapaċità tiegħu nsibuha fir-ritratt li għandna tal-faċċata tal-knisja preżenti. Billi t-triq tal-knisja hija dejqa qatt ma' seta' jittieħdilha ritratt minn quddiem. Meta fl-aħħar gwerra waqa' l-bini fuq ix-xellug tal-knisja, inħoloq ċertu spazju biex jittieħed ritratt tal-faċċata angolata min-naħa t'isfel. Ġustinu pprofitta ruħu minn din l-okkażjoni biex jieħu ritratt. Fil-fatt ma kienx hemm wisa' biżżejjed. Bil-ħila tiegħu rnexxielu jieħu diversi ritratti u wara għaqqadhom flimkien biex ġie ritratt wieħed. Dan sar fl-1946 qabel ma beda jissewwa l-bini mġarraf.[17] Il-Parroċċa u s-Soċjetà għandhom ikunu grati lejn Ġustinu għax bil-ħila fotografika tiegħu tana sensiela ta' ritratti storiċi. Aħna fid-dmir li ngħożżu dawn ir-ritratti għax huma parti mill-istorja tas-Soċjetà u parti mill-istorja tal-knisja parrokkjali tagħna. It-tifkira tiegħu fil-każin mhux biss qiegħda fir-ritratt tiegħu fis-sala tal-Fundaturi, imma qiegħda wkoll f'kull ritratt antik li hemm fis-swali kollha tal-Każin.

**Referenzi**


1. Tagħrif mogħti lill-awtur minn ibnu s-sur Tony Vella 1997.
2. P. Raniero Zammit O.F.M.Cap – Leħen il-Banda Ċittadina "Sliema" 1991, nru 16, p. 57; jew P. Ġużepp Vella O.F.M. – Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema – Tagħrif Storiku 1993, p. 69.
3. P. Ġużepp Vella, Opus. Cit., p. 70.
4. Winston L. Zammit – Soċjetà Filarmonika "Sliema" 1993, pp. 10, 12.
5. Id., Ibid, p. 40.
6. Id., Ibid, p. 45.
7. Id., Ibid, p. 45.
8. Id., Ibid, p. 64.
9. Tagħrif minn Ibnu Tony Vella.
10. Id., Ibid.
11. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 72.
12. Id., Ibid, p. 79.
13. Id., Ibid, p. 87.
14. Tagħrif minn Ibnu Tony Vella.
15. Arkiv. Parr. Liber Mortuorum, Vol. II, p. 470, Nru 1420.
16. Tagħrif minn Ibnu Tony Vella.
17. Tagħrif mogħti lill-awtur mis-sur Joe Monsigneur fl-1986. Huwa kien preżenti meta ġew miġbuda r-ritratti.


# IS-SUR ANTON GRECH (1895–1968)

Is-Sur Anton Grech twieled Tas-Sliema fl-4 ta' Settembru 1895 u ġie mgħammed fil-Parroċċa ta' Stella Maris. Huwa kien iben Pawlu u Carmela Axisa. Anton kellu ħuh



Is-Sur Anton Grech

ieħor jismu Ġużeppi. Huma twieldu u trabbew fid-dar li llum iġġib in-numru 20 Triq Santa Marija. Fi ċkunitu, Anton mar l-iskola primarja tal-Gvern u wara kompla l-istudji tiegħu fil-Liċeo l-Belt. Anton tħarreġ sewwa fl-Ingliż u fil-lingwa Taljana.[1] Fl-età ta' 29 sena żżewweġ, fil-knisja parrokkjali tagħna, lil Mary Azzopardi, nhar il-11 ta' Ġunju 1924.[2] Huwa baqa' jaqgħod fl-istess dar fejn trabba sal-ġurnata tal-mewt tiegħu. Peress li dejjem għex viċin il-knisja tagħna, ma setgħetx tonqos fih id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor u l-imħabba lejn il-festa titulari.[3]

### Ħidma b'risq is-Soċjetà

Id-dar tiegħu kienet kważi biswit id-dar ta' Wistinu l-ħajjat. Huwa kien sar ħabib ħafna miegħu u kien jgħaddi l-ħin liberu tiegħu flimkien mal-kumpanija ta' żgħażagħ oħra.[4] Is-sur Anton, flimkien mal-ħbieb, il-fundaturi l-oħra, kien tal-fehma li ladarba Wistinu jitlaq lejn ir-Rabat, id-dar tiegħu tista' tinkera u tinfetaħ bħala każin. Huwa u sħabu raw fiż-żgħażagħ li kienu jinġabru hemm bħala bidu tajjeb biex il-ftuħ ta' każin jirnexxi. Id-deċiżjoni ttieħdet u d-dar inkriet.[5] Il-Każin infetaħ bl-isem "Circolo Nostra Signora". Ma setax jonqos li lil Anton insibuh fl-ewwel Kumitat.[6] Huwa għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu fil-Kumitat f'diversi karigi, speċjalment fl-uffiċċju ta' segretarju. Għalih il-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor u l-każin tal-Banda kienu jiġu l-ewwel u qabel kollox.[7] Ġieli wkoll kien fil-Kumitat tal-festi esterni tal-Festa titulari.[8] Kien hu li ġie mqabbad mill-Kumitat biex jagħmel id-disinn ta' l-arma tal-każin għal fuq l-istendard tal-Banda.[9] Fl-1925, fis-seduta tal-Kumitat li saret fid-19 ta' Ottubru ġie maħtur membru fil-Kummissjoni li kellha tieħu ħsieb ħalli tiġi meħjuta l-

uniformi għall-bandisti kollha.[10] Wara reġa' ġie maħtur ukoll f'Kummissjoni oħra li ġiet imwaqqfa fit-3 ta' Lulju 1926 biex tagħmel il-festa ta' l-inawgurazzjoni ta' l-uniformi l-ġdida.[11] Is-Sur Anton kien akkumpanja l-Banda fl-ewwel mawra tagħha fi Sqallija fl-1932.[12]

Is-Sur Grech kien importatur. Sentejn qabel bdiet it-tieni gwerra dinjija, huwa kien ħa ħsieb iġib it-tieni stendard tal-Banda. Dan inħadem il-Ġermanja mid-Ditta "Bormer" li tagħha huwa kien rappreżentant. Wara l-gwerra, imbagħad, f'Marzu ta' l-1946, is-sur Anton kien ordna bandiera ġdida għal fuq il-bejt tal-każin. Huwa kien ordnaha mill-Ingilterra mingħand id-Ditta "Turtle and Pearce".[13] Din kienet lesta f'Ġunju ta' l-istess sena u kienet qamet is-somma ta' £19.[14]

**Żmien il-Gwerra**

Meta l-Italja daħlet fil-gwerra kienet l-għada tal-festa titulari, li dik is-sena kienet saret fid-9 ta' Ġunju 1940. Wara xi ftit jiem is-sur Anton rħielha lejn ir-Rabat ħalli jfittex il-ħabib kbir tiegħu s-Sur Wistinu Gatt. Dan Wistinu ħadu għand il-ħabib tiegħu n-nobbli Alexander Apap Bologna, li bil-qalb kollha offrielu d-dar "Casa Depiro" li kellu fl-Imdina. Għalhekk, wara xi ġranet, is-sur Anton ħalla Tas-Sliema, bil-familja kollha u mar joqgħod l-Imdina f'din id-dar.[15] Imma ġara li wara sitt xhur li kien ilu jgħix refuġjat fl-Imdina, id-dar li kien jgħix fiha ġiet rekwiżizzjonata u għalhekk kellu jerġa' lura Tas-Sliema. Kienu ġranet tal-biża' u tbatija kbira. Mill-bidu tal-gwerra s-sur Anton safa bla xogħol għax l-importazzjoni tiegħu kienet prinċipalment mill-Ġermanja. Wara xi sena bla xogħol irnexxielu jibda jaħdem mal-Gvern bħala "Protection Officer". Ix-ogħol tiegħu kien li jikkoordina t-tqassim ta' l-ikel li kien iqassam il-gvern bir-razzjon. Hekk Anton u l-familja tiegħu ħadu r-ruħ għax ir-rota bdiet iddur aħjar.[16]

**Lura f'Tas-Sliema**

Wara li s-sur Anton reġa' lura Tas-Sliema, il-każin tal-Banda baqa' l-post tar-rikreazzjoni tiegħu. Meta saret il-laqgħa tal-Kumitat fit-18 ta' Marzu ta' l-1943, lil Anton insibuh membru fih. Meta fl-istess sena reġgħet bdiet issir il-festa titulari wara waqfa ta' sentejn, huwa, flimkien ma' Ġustinu, Ġorġ Gauci u Wiġi l-Bormliż, beda jagħmel ħiltu biex jerġa' jgħaqqad il-Banda. Bir-rieda tajba tagħhom il-Banda "Siema" reġgħet ħadet sehem fil-festa esterna.[17] Fit-13 ta' Marzu ta' l-1944 is-sur Anton Grech kien mar Ħaż-Żebbuġ biex jieħu sehem fiċ-ċerimonja tal-għotja tax-Xabla lill-Gvernatur Lord Gort. Din ix-xabla kienet ġiet mogħtija mill-każini kollha tal-baned ta' Malta. Anton kien hemm, mar-rappreżentanti tal-każini.[18] Meta s-Soċjetà Filarmonika "Sliema" ġiet tfakkar il-25 sena mit-twaqqif tagħha, lis-sur Anton insibuh magħżul membru fil-Kummissjoni li kellha tieħu ħsieb torganizza l-festi. Huwa kien ta għajnuna finanzjarja għall-ispejjeż. Il-Kumitat, fil-laqgħa li għamel fid-29 ta' Ottubru 1948, kellu kliem ta' tifħir u ringrazzjament għas-sehem li kien ta ħalli l-festi ta' l-anniversarju rnexxew.[19]

Meta fl-1950 il-Gvernatur Sir Gerald Creasy żar il-każin tas-Soċjetà, nhar l-24 ta' Marzu, il-President Dr Joseph Soler LL.D. ippreżenta lis-sur Anton Grech lill-Gvernatur bħala wieħed mill-Fundaturi tal-Każin.[20] Fis-snin 1951–1954 insibuh Viċi President tas-Soċjetà. Dak iż-żmien il-President kien Dr Ġiovanni Felice LL.D. Lejlet il-festa titulari tal-1953, bħala Viċi President, irċieva tazza tal-fidda minn idejn il-Prim Ministru Dr Ġorġ Borg Olivier LL.D. Huwa stess, bħala ammiratur tal-Banda, offra tazza oħra.[21] Fl-1960 ħa l-inizjattiva biex isiru badges ġodda għall-brieret tal-Bandisti.[22] Huwa baqa' attiv fil-kumitat, tista' tgħid sa' l-aħħar ta' ħajtu. Is-sur Anton Grech miet wara marda qasira fid-dar tiegħu fejn twieled, għex u trabba, nhar is-7 ta' April 1968, fl-età ta' 73 sena.[23] Il-funeral tiegħu sar l-għada. Ġie meħud fuq l-ispallejn mid-dar tiegħu sal-knisja parrokkjali. Wara l-membri tal-familja tiegħu, mexa l-istendard tas-Soċjetà mkebbeb fil-velu iswed, u membru tal-Kumitat iżomm kuruna tal-fjuri. Ħadu sehem il-membri tal-Kumitat immexxija mill-President Dr Ċensu Tabone M.D. u soċji oħra. Wara l-quddiesa ġie midfun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Dakinhar fuq il-każin il-bandiera ttellgħet meżż'asta u ċoff iswed ġie marbut mal-pum tal-bieb tal-Każin.[24]

Is-sur Anton Grech kien l-aħħar wieħed mill-Fundaturi. Huwa ta 45 sena servizz lis-Soċjetà Filarmonika "Sliema". Din is-sensiela ta' profili dwar il-Fundaturi għamilnieha biex is-soċji ta' llum ikunu jafu sewwa dwarhom, japprezzaw l-imħabba li kellhom lejn il-festa titulari tal-Parroċċa, u d-dedikazzjoni kbira li kellhom biex is-Soċjetà titwaqqaf u timxi 'l quddiem. It-tifkira tas-sur Anton tibqa' dejjem ħajja bir-ritratt tiegħu fis-sala ddedikata lill-Fundaturi. Jalla dawn l-erba' persuni, li fakkarna t-tifkira tagħhom, ikomplu jkunu ta' aspirazzjoni u ta' inkoraġġiment liż-żgħażagħ preżenti ħalli s-Soċjetà Filarmonika "Sliema" tkompli fit-triq tas-suċċess.

**Referenzi**


1. Tagħrif mogħti lill-awtur minn ibnu Charles B. Grech, 1994.
2. Arkiv.Parr.Liber Matrimoniorum, Vol. I, p. 159, nru. 309.
3. Tagħrif minn Ibnu Charles.
4. Leħen il-Banda Ċittadina "Sliema", 1992, nru. 17, p. 69.
5. Winston L. Zammit: Soċjetà Filarmonika "Sliema", 1993, p. 9.
6. Id., Ibid, p. 15.
7. Charle B. Grech: Umbrellel fuq Tas-Sliema, 1979, p. 46.
8. Tagħrif minn Ibnu Charles.
9. Id., Ibid.
10. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 35.
11. Id., Ibid, p. 38.
12. Id., Ibid, p. 54.
13. Tagħrif minn Ibnu Charles.
14. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 68.
15. Charles B. Grech, Opus Cit., p. 13.
16. Id., Ibid, p. 20.
17. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 65.
18. Ara ritratt: Umbrellel fuq Tas-Sliema, Opus Cit., p. 108.
19. Winston L. Zammit, Opus Cit., p. 79.
20. Id., Ibid, p. 84.
21. Id., Ibid, p. 89.
22. Id., Ibid, p. 88.
23. Arkliv.Parr.Liber mortuorum, Vol. II, p. 650, nru. 1960.
24. Tagħrif minn Ibnu Charles.